1.

2. MALTA

3.

**4. QORTI CIVILI**

**5. PRIM' AWLA**

6.

7.

**8. ONOR. IMHALLEF**

**9. JOSEPH AZZOPARDI**

10.

11.

12.

13. Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

14.

15.

16. Citazzjoni Numru. 1330/2002

17.

18.

19.

20. **Visa Imoport & Export Services Limited.**

21. **Charles Sciberras.**

22. **Monica Sciberras.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-Bank attur pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu ppremetta;

Illi s-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facility" lis-socjeta' konvenuta Visa Import & Export Services Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Visa Import & Export Services Limited fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u sitta u hamsin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm25,756.49) bilanc ghad-

debitu fil-“Loan Account” tas-socjeta’ Visa Import & Export Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A37”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi permezz ta’ zewg skritturi privati datati 7 ta’ Novembru, 1997 u 17 ta’ Mejju 1999 (Dok “B” u Dok “C”), il-konvenut Charles Sciberras ggarantixxa flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Visa Import & Export Services Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta’ Visa Import & Export Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta’ hamest elef Liri Maltin (Lm5,000.00).

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 4 ta’ Lulju, 2002 li kopja tahhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok “D” u Dok “E”, sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Talab ghalhekk li din il-Qorti ghaliex ghandha:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ Visa Import & Export Services Limited thallas flimkien u ‘in solidum’ ma’ Charles Sciberras u Monica Sciberras lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf, seba’ mija u sitta u hamsin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm25,756.49) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tas-socjea’ Visa Import & Export Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A37”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ Ottubru, 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lil Charles Sciberras ihallas flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ Visa Import & Export Services Limited u Monica Sciberra, lis-socjeta’ attraici s-somma ta’ hamsa u gho xrin elf, seba’ mija u sitta u hamsin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm25,756.49) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tas-socjea’ Visa Import & Export Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1 sa A37”) flimkien ma’ l-imghax

ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lil Monica Sciberras thallas flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Visa Import & Export Services Limited u Charles Sciberra, lis-socjeta' attraici s-somma ta' hamest (Lm5,000.00) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjea' Visa Import & Export Services Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A37") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 4 ta' Lulju, 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut naqas li jippresenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2003 li permezz tieghu l-istess konvenut talab li li jinghata l-fakolta li jippresenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2003 li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq dan il-punt wara li semghet ix-xhieda ta' Charles Sciberras.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut biex jiggustifika l-kontumacja tieghu, xehed illi fiz-zmien li rceva ic-citazzjoni u l-avviz ghas-smiegh tal-kawza kien marid. Qal li kellhu deni ta' 102/103 u meta mar ghand l-Avukat bic-citazzjoni sab li kien skadielu z-zmien biex jippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Il-Qrati taghna f' dawn l-ahhar snin irrilassaw mhux ftit fid-diskrezzjoni taghhom biex jakkordaw lill-konvenut kontumaci il-fakolta' li jppresentaw id-difiza taghhom. Per ezempju fil-kawza "Joseph Naudi Montalto vs Emanuel

Xuereb" deciza fis-27 ta' Frar 1995 din il-Qorti elenkat numru ta' regoli dwar sitwazzjonijiet simili.

Dawn huma;

1. Il-kontumacja ma tistax tigi gustifikata jekk kienet volontajra.

2. Anqas tista tigi skuzata jekk almenu kolpuza (ara ukoll is-sentenza fl-ismijiet Cilia vs Farrugia (Appell Inferjuri 29 ta' Novembru 1958).

3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legititmu ghandhu jkun indipendenti mill-volonta tal-kontumaci.

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx invincibbli.

7. Dan l-impediment legittimu jista jkun *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili.*

8. L-impossibilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-difikolta' gravi biex tista tikkostitwixxi impediment legittimu ghandhu jkun fiziku u eccezjonalment biss tista tkun morali.

Naturalment kieku din il-Qorti kienet sodisfatta li l-konvenut gal perjodu twil bizzejjed kien marid sew kienet takkordalu l-fakolta' li jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu. Madankollu hemm diversi fatturi li ma jwasslux ghal dan.

L-ewwelnett ma tantx hu koncepibbli li persuna jkollha dan it-tip ta' deni ghal zmien pjuttost twil u ma tkellimx tabib, kif qal il-konvenut meta gie kontro ezaminat. Dan aktar u aktar fil-kaz ta' persuna ta' iktar minn sittin sena kif xehed

li ghandhu l-istess konvenut. Ghalhekk il-Qorti ghandha d-dubbji serji taghha mill-veracita’ tax-xhieda tal-konvenut fuq dan il-punt.

Hemm ukoll il-fatt li mart il-konvenut ghalhekk giet notifikata separatament bic-citazzjoni ukoll ma presentatx eccezzjonijiet. Ghalhekk hu iktar presumibbli li l-konvenuti ma tawx kaz tal-atti l-ircevew mill-Qorti u gew gustament imcanfra fuq dan mill-Avukat taghhom meta marru ghandhu bic-citazzjoni, kif ammetta l-konvenut.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti **tiddecidi li l-konvenut ma rnexxilux jiggustifika l-kontumacja tieghu u tichad it-talba tieghu**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------